***KUNSILL LOKALI RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 01**
* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Gimgha 30 ta' Lulju fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku (Rabat Malta) |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sur Franco.M Azzopardi | Segretarju Ezekuttiv |

**1.00** **1. Hatra ta' Chairperson**

1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi introduca l-ewwel item fuq l-agenda jigifieri l-hatra ta' Chairperson. Hu qal li skond l-att dwar Kunsilli Lokali kif emendata fit-2009 il-persuna li ggib l-izjed voti mill-Partit li jkun gab maggoranza ta' membri ghandu jinhatar Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv. Ghaldaqstant skond din il-klawsola s-Sur Lino Pace Bonello jikkwalifika biex ikun c-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtu. Is-Segretarju Ezekuttiv ghaldaqstant talab ghal xi hadd biex jinnomina lis-Sur Pace Bonello bhala Chairperson skond il-ligi. Is-Sur Christopher Farrugia nnomina lis-Sur Lino Pace Bonello bhala Chairperson liema nomina giet issekondata mill-membri l-ohra prezenti. Hatra ta' Chairperson

1.02 Is-Sur Lino Pace Bonello accetta n-nomina ta' Chairperson u rringrazzja lill-membri kollha tal-fiducja taghhom.

**2.00** **2. Hatra ta' Vici Chairperson**

2.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi talab ghall-hatra ta' Vici Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tal-Virtu', fejn qal bl-istess kwalifika fil-kaz ta' Vici Chairperson, Dr. Anthony Grixti Soler jikkwalifika ghall-kariga ta' Vici Chairperson. Is-Sur Lino Pace Bonello Chairperson innomina lil Dr. Grixti Soler Hatra Vici Chairparson

waqt li s-Sur Christopher Farrugia ssekonda n-nomina, liema nomina giet approvata minn dawk prezenti. Dr. Grixti Soler accetta n-nomina u rringrazzja lil dawk prezenti tal-fiducja li urew fih.

**3.00** **3. Introduzzjoni mis-Sindku Sandro Craus u c-Chairperson**

3.01 Is-Sur Lino Pace Bonello talab lis-Sindku Sandro Craus biex skond l-agenda jaghmel l-introduzzjoni tieghu. Is-Sindku Sandro Craus irringrazzja lis-Sur Lino Pace Bonello ta' l-istedina tieghu u minnufih qal kemm hassu kuntent li ser inkunu nahdmu flimkien biex intejbu l-akwati tal-Virtu' ghalxiex gie mniedi l-Kumitat Amministrattiv. Hu qal li bhala Kunsill partikolarment minn mindu hu kien sar Sindku l-mod tat-tmexxija kienet bhala team wiehed u biex naqdu lir-residenti kollha minghajr distinzjoni. Is-Sindku Sandro Craus heggeg lill-membri prezenti biex bl-istess spirtu ta' ko-operazzjoni kuluri ma jibqghux jezistu izda fuq quddiem nett ikun hemm ir-resident Rabti u partikolarment Tal-Virtu' fuq nett fl-Agenda tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu'. Wieghed b'mod assolut l-ghajnuna shiha tieghu u tal-Kunsill biex l-ghanijiet tal-Kumitat Amministrattiv jitwettqu. Hu heggeg ukoll lill-Kumitat Amministrattiv biex jiehu inizjattiva biex ikattar il-fondi allokati billi l-Kumitat imur ghall-fondi specjali li johrog il-Gvern Centrali minn zmien ghal zmien jew fondi ta' l-EU li johorgu minn zmien ghal zmien. Hu qal li waqt li l-Kumitat Amminstrattiv ma jkunx jista' jidhol ghall-kuntratti ndividwali fl-istess hin il-Kunsill Lokali tar-Rabat ha jkun qieghed jappoggja talbiet tal-Kumitat Amministrattiv, naturalment dejjem meta dawn it-talbiet ikunu skond il-providimenti tal-ligi. Fondi ta' l-EU

3.02 Is-Sur Lino Pace Bonello rringrazzja lis-Sindku Sandro Craus tal-hsibijiet tieghu u ghall-ghajnuna li wieghed lill-Kumitat fit-twettiq ta' hidmietu. Is-Sur Pace Bonello rringrazzja lill-membri l-ohra u heggeg li jwettqu hidmiethom flimkien b'ghan u hsieb wiehed biex iwettqu dak li gew eletti biex iwettqu, jigifieri biex iservu lill-Komunita tal-Virtu'. Fejn hu possibli dak li ghandu jsir bi spejjez minimi dawn ghandhom jitwettqu billi jitheggu r-residenti biex jikkoperraw u jippartecipaw fiz-zamma tal-Virtu'. F'laqghat informali dan l-ispirtu diga' ntwera u bidu bhal dan ghandu jkattar il-hidma taghhom flimkien.

3.03 Is-Sindku Sandro Craus qassam Memo 94/2010 dwar skema ta' finanzjarjament ghall-progetti u inizjattivi li l-Kumitat Amministrattiv fil-lokalitajiet taghhom. F'din il-Memo gie offrut bhala fond specjali l-ammont ta' €20, 000 biex isir inizjattiva jew progett fiz-zona tal-Virtu'. Is-Sindku Craus issugerixxa diskussjoni dwar din l-offerta li giet mneghdija mill-Gvern Centrali ghall-beneficcju tal-lokalitajiet immexxija minn Kumitati Amministrattivi. Is-Sindku Craus fakkar li d-data ta' l- Fondi Specjali

gheluq hija l-20 t'Awwissu u ghalhekk iz-zmien huwa limitat. Is-Sindku Craus wieghed l-ghajnuna shiha tieghu biex l-applikazzjoni u dak li hu necessarju jitwettaq fiz-zmien.

3.04 Ic-Chairperson Lino Pace Bonello li waqt laqghat informali kien intwera hsieb li tigi msebbha l-entratura tal-Virtu' min-naha ta' Triq il-Buskett. L-idea hija li titranga l-bankina, jigi installat street furniture u lighting specjali fejn residenti ikunu juzaw l-istreet furniture waqt li qeghdin ghaddejin ghal go tal-Virtu'. Dr. Anthony Grixti Soler ippropona l-possibilta' li jsiru CCTV Cameras biex titkattar is-Sigurta' fiz-zona. Iz-zewg proposti gew diskussi u bhala konkluzjoni, s-Sur Lino Pace Bonello ra li waqt li z-zewg proposti huma validi ghal tal-Virtu' l-izjed wahda li hi favorita li titwettaq l-ewwel hi t-tisbieh tad-dahla ghal tal-Virtu'. Is-Sur Christopher Farrugia qabel mas-Sur Lino Pace Bonello u sostna li bhala l-ewwel inizjattiva fejn il-fondi spejcali jistaw jintuzaw ghat-tisbieh ta' l-entratura ghal tal-Virtu'. Is-sinjuri Bonello u Gatt sostnew din l-inizjattiva waqt li programm ta' sigurta' ghandu jitwettaq fi zmien il-quddiem b'mod holistiku. CCTV Cameras

3.05 Is-Sur Christopher Farrugia qal li ghandna naghtu attenzjoni ghall-wires ta' l-elettriku li minflok is-sistema prezenti jitnehhew il-wires u minflokom jigu nstallati apparat li jixghel it-triqat permezz ta' photo-voltaic pannels fejn l-istreet lighting jigi mixghul permezz ta' energija solari. Sistema ta' l-elettriku

3.06 Is-Sindku Sandro Craus qal lil dawk prezenti li jezistu opportunitajiet fejn ghandu x'jaqsam ma Fondi mill-EU li tal-Virtu' jista' jgawdi minnu. Fil-fatt il-Kunsill Lokali tar-Rabat Malta u prezentament jinghaqad ma bliet go l-Italja fejn ikun hemm fondi biex insebbhu l-ambjent tal-lokalita taghna. Bhala suggett hu ssugerixxa li jekk il-Kumitat jaqbel hu fi hdan il-Kunsill iressaq il-propsta ta' tisbieh u li jinbena bel-vedere li jaghti ghal fuq il-Wied hdejn il-Palazz li hemm f'Tal-Virtu', 'il gewwa min-Nunzjatura u s-Seminarju. Ic-Chairperson flimkien mal-mebri l-ohra urew interess u entuzjazmu ghal din il-proposta. Is-Sindku Craus wieghed li jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex jaghti ideat kif din il-Belvedere tigi realizzata. Fil-fatt is-Sindku Craus qal li ser jaghmel kuntatt mal-Perit fuq dan is-suggett. Fondi mill-EU

**4.00** **<u>4. Proceduri</u>**

4.01 Ic-Chairperson is-Sur Pace Bonello talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jaghti indikazzjoni biex jaghti proceduri li ghandhom jigu addottati. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kull membru ha jiltaqa' ma xi ilmenti jew ikun jixtieq ipoggi xi suggerimenti u dawn dejjem ghandhom isiru billi jaghddu minghand ic-Chairperson. Fl-istess hin ic-Chairperson jkun jista' jikkordina l-bzonnijiet ta' tal-Virtu' u fejn is-Segretarju Ezekuttiv ikun iwettaq il-bzonnijiet mitluba ghal tal- Proceduri

Virtu'. Irridu nevitaw is-sitwazzjoni fejn membri individwali japprowcjaw lill-Kunsill jew ahjar membri ta' l-istaff tal-Kunsill jaghtu instruzzjonijiet. Membri jkunu jistghu bhal kull cittadin iehor idahhlu lmenti mal-Customer Care fil-Kunsill. Membri jkunu jistaw jressqu l-ilmenti waqt laqgha tal-Kumitat Amminstrattiv taht il-heading ta' l-agenda affarijiet ohra. Hawnhekk il-Kumitat ikun jista jiddiskuti lmenti jew htigijiet individwali jew tar-residenti.

**5.00** **5. Progetti u Manutenzjoni f'Tal-Virtu'**

5.01 Dan is-suggett gie diskuss izjed kmieni fl-introduzzjoni tas-Sindku Sandro Craus u c-Chairperson Lino Pace Bonello, ghalhekk dan is-suggett gie ezawrit.

**6.00** **6. Affarijiet Ohra**

6.01 Fl-introduzzjoni tas-Sindku u c-Chairperson gew diskussi diversi punti li gew inkluzi fl-item ta' qabel.

**7.00** **7. Aggornament**

7.01 Minhabba li l-agenda giet ezawrita l-laqgha giet aggornata fid-8.45 pm Aggornament

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Franco.M Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**